MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 804/2003

**Maureen Scicluna**

**vs**

**Dr Anthony P Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fit-23 ta' April, 2003, fejn intalbet tghid il-ghaliex m'ghandhux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm1,480) rapprezentanti flejjes lilu moghtija fil-perjodu bejn Gunju, 1996 u Settembru, 1998 bhala kera dovuta mill-attrici lil Carmel Scerri fuq il-fond Flat 3, Pilkington Flats, Triq San Girgor, Sliema, liema flejjes baqghu fil-pussess tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-3 ta' Frar, 2003, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngungt in subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Dr Anthony P Farrugia pprezentata fit-13 ta' Mejju, 2003 fejn intqal illi :**

**L-ebda somma m'hi dovuta lill-attrici, anzi huwa l-kaz li hi ghandha taghti lill-esponent.**

**Dan kollu gie mfiehem lill-attrici kemm f'korrispondenza u b'kontro protest.**

**Ra l-affidavits ta' Maureen Scicluna, Jacqueline Ellul, Tania Maidani u ta' Dr. Anthony P. Farrugia. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda talba ghall-refuzjoni ta' flus imhallsa lill-konvenut. Dawn il-flus kienu allegatament gew mghoddija lill-konvenut sabiex dan jiddepositahom il-Qorti, rigwardanti kera dovuta fuq il-fond Flat 3, Pilkington Flats, Triq San Girgor, Sliema, u dana ghall-perjodu Minn Gunju 1996 sa Settembru, 1998.**

**2. Jirrizulta illi l-attrici kienet originarjament thallas il-kera lil Carmel Scerri, u wara kienet tghaddiha lill-ibnu David Scerri. Pero` fl-1995 l-imsemmi David Scerri kien irrifjuta li jaccetta l-kera.**

**3. L-attrici ghalhekk kienet marret ghand Dr Anthony Farrugia (SNR) u dan qalilha biex tiddepositahom il-Qorti. Fil-fatt l-attrici ghaddiet il-flus lilu, sakemm fi zmien minnhom hi intebhet, meta ghamlet ricerki fil-Qorti, li ma kien hemm xejn depozitat. Ghalhekk staqsiet lil Dr Farrugia (SNR) li kien qalilha li ma kienx hemm ghalfejn jigu depozitati u li kienu qeghdin fi client's account. Sussegwentement Dr Farrugia (SNR ghadda l-klijenta lill-konvenut sabiex jiehu hsieb hu.**

**4. L-attrici kienet ghaddiet cekkijiet lill-konvenut u dan kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok.MS1 sa MS5, kif ukoll kitbitlu fis-7 ta' April, 1999, sabiex jiddepozitahom.**

**5. Fid-9 ta' Dicembru, 1999, skond ma jirrizulta mid-Dok.MS7 esebit, saret ir-rifuzjoni ghas-saldu tal-flejjes mghoddija lil Dr. Farrugia (SNR).**

**6. Jirrizulta li l-attrici ripetutament talbet lill-konvenut biex jiddepozitalha l-flus li kienet qed tghaddilu, u fis-7 ta' Novembru, 2000, il-konvenut ikkonferma li kien ircieva minghandha s-somma ta' seba' mija u erbghin lira Maltija kera minn Settembru, 1997. L-attrici tinnota li l-kera mghoddija lilu kienet sa minn Gunju, 1996, skond ma jirrizulta mic-cheque Dok.MS5 esebit u datat 19 ta' Gunju, 1996.**

**7. Sussegwentement l-attrici pprezentat protest gudizzjarju, Dok.MS11, fit-3 ta' Frar, 2003, ghall-liema sar kontro-protest mill-konvenut fis-7 ta' Frar, 2003, Dok.MS12.**

**8. Jacqueline Ellul u Tania Maidani (bint l-attrici) jikkonfermaw il-versjoni tal-attrici. Anzi Jacqueline Ellul kienet takkompanja lill-attrici meta kienet tmur ghand il-konvenut u din fl-affidavit taghha tghid hekk: "I remember Dr Farrugia telling her that the money was in his safe custody in his client's account and that there was no need to deposit the money….."**

**9. Jirrizulta li fi zmien minnhom l-attrici kienet inkarigat lill-accountant Kenneth Dimech sabiex jghaddi il-flus lill-konvenut, u dana fil-fatt kien jghddilu l-flus skond ma jirrizulta mid-Dok.MS1 sa MS5 esebiti.**

**10. Mid-dokument prezentat mill-konvenut, li hi fax li rcieva minghand Dr. Ruth Borg ghall-attrici, liema ittra Dok.APF1 hi datata 30 ta' Gunju, 2000, hemm ir-referenza ghac-cekkijiet li thallsu lill-konvenut fl-ammont ta' elf mija u erbghin lira.**

**11. Pero` kif gja rilevat, jirrizulta li l-kera li kienet tghaddi l-attrici lill-konvenut kien rigwardanti hlasijiet dovuta sa minn Gunju 1996. Meta saret ir-refuzjoni ghas-saldu da parti ta' Dr. Farrugia (SNR) ma kienx hemm inkluza l-kera ta' Gunju, 1996, filwaqt li din tirrizulta mid-Dok.MS5 bhala li thallset lill-konvenut. It-Tribunal iqies li l-attrici rnexxilha tipprova t-talba taghha.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm1,480).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-3 ta' Frar, 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------